DIGRIET TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (It-Tielet Awla)

3 ta' Diċembru 2008 *

Fil-Kawża T-227/06,

RSA Security Ireland Ltd, stabbilita f'Shannon (l-Irlanda), irrappreżentata minn B. Conway, barrister, u S. Daly, solicitor,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn X. Lewis u J. Hottiaux, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annulament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 888/2006 tas-16 ta' Ġunju 2006, dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 165, p. 6),

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (It-Tielet Awla),

komposta minn J. Azizi, President, E. Cremona (Relatur) u S. Frimodt Nielsen, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

Digriet

Il-kuntest ġuridiku

Nomenklatura Magħquda

1 Sabiex tiġi applikata t-tariffa doganali komuni kif ukoll sabiex jiġi ffaċilitat il-ġbir tal-istatistika dwar il-kummerċ estern tal-Komunità u politiki oħra Komunitarji dwar l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' merkanzija, il-Kunsill, bl-adozzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, p. 1, iktar

'il quddiem ir-"Regolament dwar in-Nomenklatura Magħquda"), stabbilixxa nomenklatura kompluta ta' merkanzija importata jew esportata fil-Komunità (iktar 'il quddiem in-"Nomenklatura Magħquda" jew in-"NM"). Din in-nomenklatura tinsab fl-Anness I ta' dan ir-regolament.

2 Sabiex tiżgura l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda fil-Komunità, il-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' kumitat ta' rappreżentanti tal-Istati Membri (il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali), tista' tadotta ċertu numru ta' miżuri li huma elenkati fl-Artikolu 9 tar-Regolament dwar in-Nomenklatura Magħquda. Fost dawn il-miżuri hemm partikolarment il-possibbiltà għall-Kummissjoni li tadotta regolamenti ta' klassifikazzjoni tariffarja ta' merkanzija partikolari fin-Nomenklatura Magħquda [l-ewwel inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament dwar in-Nomenklatura Magħquda].

3 Fi żmien l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 888/2006, tas-16 ta' Ġunju 2006, dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 165, p. 6, iktar 'il quddiem ir-"regolament ikkontestat"), l-intestaturi tariffarji 8470, 8471 u 8543 tan-Nomenklatura Magħquda kienu redatti kif ġej:

— Intestatura 8470: "[m]agni li jikkalkulaw u magni qies tal-but b'funzjonijiet li jikkalkulaw biex jirrekordjaw, jirriproduċu u juru data; magni għal kontabilità, magni ta' l-iffrankar ta' l-ittri, magni li jagħtu l-biljetti u magni simili, li fihom mezz li jikkalkula; cash registers […]";

— Intestatura 8471: "[m]agni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data u unitajiet tagħhom; apparat li jaqra b'sistema manjetika jew ottika, magni biex jittraskrivu

data fuq mezzi ta' data f'għamla ikkowdjata u magni biex jipproċessaw din id-data, li m'humiex speċifikati jew inklużi band'oħra";

— Intestatura 8543: "[m]agni u apparat elettriċi, b'funzjonijiet individwali, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra f'dan il-kapitlu ".

Informazzjoni li torbot dwar it-tariffa

4 Skont l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali"), kif emendat, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jiksbu informazzjoni li torbot dwar it-tariffa (iktar 'il quddiem l-"ITT") mingħand l-awtoritajiet doganali. Din hija informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' merkanzija partikolari li torbot lil dawn l-awtoritajiet fil-konfront ta' min jagħmel it-talba u/jew tad-detentur tal-ITT.

5 L-Artikolu 12 tal-Kodiċi Doganali jistipula li:

"1. L-awtoritajiet doganali għandhom joħorġu [ITT] jew informazzjoni li torbot dwar l-oriġni fuq talba bil-miktub, skont il-proċedura tal-kumitat.

[…]

4. Informazzjoni li torbot tibqa' valida għal perjodu ta' sitt snin fil-każ ta' tariffi […] mid-data tal-ħruġ […]

5. Informazzjoni li torbot ma tibqax valida:

a) fil-każ ta' informazzjoni dwar tariffi:

i) meta regolament jiġi adottat u l-informazzjoni ma tibqax konformi mal-liġi preskritta minnu;

[…]

Id-data li fiha nformazzjoni li torbot ma tibqax valida fil-każi ċitati f' (i) u (ii) tkun id-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn il-miżuri […];

[…]

6. Id-detentur ta' informazzjoni li torbot li ma tibqax valida in forza tal-paragrafu 5 (a) (ii) jew (iii) jew (b)(ii) jew (iii) jista' jibqa' juża dik l-informazzjoni għal perjodu ta' sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni jew notifika, basta jkun ikkonkluda kuntratti li jorbtu għax-xiri jew bejgħ ta' l-oġġetti in kwistjoni, a bażi ta' l-informazzjoni li torbot, qabel ma

l-miżura ġiet adottata. Iżda, fil-każ ta' prodotti li għalihom jingħata ċertifikat ta' importazzjoni, esportazzjoni jew fissar minn quddiem meta l-formalitajiet doganali jitwettqu, il-perjodu ta' sitt xhur jinbidel bil-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat.

Fil-każ tal-paragrafu 5 (a)(i) u (b)(i), ir-Regolament […] jista' jistipula perijodu li fih għandu japplika [l-ewwel…] subparagrafu.

[…]"

6 L-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa ċerti dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tal-Kodiċi Doganali (ĠU L 253, p. 1) kif emendat, jistipula:

"Fil-każ ta' [ITT], l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri għandhom, minnufih, jittrasmettu lill-Kummissjoni dan li ġej:

a) kopja ta' l-applikazzjoni għall-[ITT] […];

b) kopja ta' l-[ITT] notifikata […]

[…]

Dik it-trasmissjoni ssir permezz ta' mezzi elettroniċi."

7 L-Artikolu 9 (1), tar-Regolament Nru 2454/93 jipprovdi:

"Meta informazzjoni li torbot differenti tkun teżisti:

— il-Kummissjoni għandha, fuq l-inizzjattiva tagħha stess jew fuq it-talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru, tqiegħed fuq l-aġenda tal-Kumitat għal dibattitu fil-laq[għ]a li tkun sejra tinżamm fix-xahar ta' wara jew, f'nuqqas ta dan, fil-laq[għ]a li tmiss,

— bi qbil mal-proċedura tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha taddotta miżuri biex jassiguraw l-uniformità ta' l-applikazzjoni ta' nomenklatura […], malajr kemm jista' jkun u fi żmien sitt xhur wara l-laqa li hemm referenza dwarha fl-ewwel indent."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

8 Ir-rikorrenti, RSA Security Ireland Ltd, hija kumpannija regolata mid-dritt Irandiż li tipproduċi, timporta u tikkummerċjalizza fi ħdan il-Komunità Ewropea, apparat ta' sigurtà bl-isem "RSA SecurID authenticator" f'żewġ forom prinċipali, waħda msejħa "karta ta' kreditu" u forma oħra msejħa "key fob".

9 Fit-8 ta' Frar 2001, l-Irish Revenue Commissioners (Awtoritajiet Fiskali u Doganali Irlandiżi, iktar 'il quddiem l-"IRC") fuq talba tar-rikorrenti, ħarġu ITT li kklassifikat il-prodott tagħha fis-subintestatura 8473 30 10 00 tan-Nomenklatura Magħquda. L-imsemmija ITT iddeskriviet il-prodott kif ġej: "[huwa] mekkaniżmu tas-sigurtà għat-tranżazzjonijiet magħmula bl-internet [li] jikkonsisti f'monitor kompost minn kristalli likwidi (LCD), PCB, mikrokontrollur/ċirkwit stampat, kapaċituri u batterija. Dawn il-komponenti kollha […] jinsabu f'qafas tal-plastik."

10 Fl-1 ta' Diċembru 2003, l-IRC informaw lir-rikorrenti li t-taqsima "Nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika" tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali (iktar 'il quddiem "Kumitat tan-Nomenklatura", kienet iddeċidiet li l-prodott kellu jiġi kklassifikat b'mod korrett skont il-kodiċi NM 8543 89. Għaldaqstant, sabiex jikkonformaw mad-deċiżjoni tal-imsemmi kumitat, l-IRC irtiraw l-ITT tat-8 ta' Frar 2001 b'effett immedjat u fit-8 ta' April 2004 ssostitwewha b'ITT oħra li kklassifikat it-tip ta' apparat inkwistjoni fis-subintestatura tariffarja li tikkorrispondi għall-kodiċi NM 8543 89 95 99. L-ITT il-ġdida tiddeskrivi l-prodott b'dan il-mod: "[huwa] apparat tas-sigurtà għal kompjuter [li] jikkonsisti f'LCD, ċirkwit stampat u batterija li jinsabu f'qafas tal-plastik jew f'kontenitur fil-forma ta' karta ta' kreditu. Meta jiġi pprogrammat, huwa jagħti sigurtà għall-aċċess lil sistema tal-informatika, waqt li tkun qed issir il-konnessjoni, billi jidentifika u jawtentika lill-utenti."

11 Peress li r-rata tad-dazju doganali hija kunsideravolment ogħla taħt l-intestatura 8543 milli taħt l-intestatura 8473, ir-rikorrenti ressqet appell kontra l-klassifikazzjoni tal-IRC quddiem ir-Revenue Appeal Commissioners (Il-Bord tal-Appell Irlandiż, iktar 'il quddiem l-"AC").

12 Permezz tad-deċiżjoni tal-10 ta' Ottubru 2005, l-AC laqa' l-appell billi ddeċieda li l-klassifikazzjoni korretta tal-prodott inkwistjoni, skont ir-regoli tal-interpretazzjoni u klassifikazzjoni tal-kodiċi doganali, għandha tkun stabbilita b'riferiment għall-karatteristiċi u l-kwalitajiet oġġettivi tiegħu, speċifikament billi dan jikkalkola u juri

numri psewdo-bl-addoċċ (pseudo random numbers). Għaldaqstant l-AC iddeċieda li l-prodott kellu jkun ikklassifikat bħala apparat li jagħmel il-kalkoli li jaqa' taħt l-intestatura 8470 10 00 00.

13 Peress li d-deċiżjoni tal-AC kellha l-effett li annullat l-ITT maħruġa fit-8 ta' April 2004, l-IRC informaw lill-Kummissjoni b'din id-deċiżjoni. Sussegwentement, l-IRC iddeċidew li ma jikkontestawx din id-deċiżjoni quddiem is-Superior Courts of Ireland (Il-Qrati Superjuri tal-Irlanda). Għaldaqstant, id-deċiżjoni tal-AC fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-prodott inkwistjoni, saret definittiva fid-dritt Irlandiż.

14 Konsegwentement, ir-rikorrenti talbet lill-IRC il-ħlas lura tad-dazju doganali mħallas preċedentement fir-rigward tal-merkanzija importata skont l-ITT tat-8 ta' April 2004. Permezz tal-itta tas-27 ta' Ottubru 2005, l-IRC irrevokaw b'mod formali l-imsemmija ITT, b'konformità mad-deċiżjoni tal-AC tal-10 ta' Ottubru 2005 li klassifikat il-prodott taħt l-intestatura 8470 10 00 00.

15 Fil-15 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni ressqet quddiem il-Kumitat tan-Nomenklatura n-nota tal-IRC dwar il-"klassifikazzjoni tariffarja ta' apparat tas-sigurtà tal-informatika bl-isem 'authentificateur SecurID' (digipass)". Din it-talba ġiet eżaminata matul diversi laqgħat tal-imsemmi kumitat.

16 Permezz ta' ittra tad-9 ta' Marzu 2006, l-IRC informaw lir-rikorrenti li l-Kumitat tan-Nomenklatura kien iddiskuta r-revoka tal-ITT wara d-deċiżjoni tal-AC tal-10 ta' Ottubru 2005 u li l-Kummissjoni, wara l-approvazzjoni ta' abbozz ta' test min-naħa tal-Kumitat tan-Nomenklatura, kienet finalment adottat regolament li kklassifika l-prodott inkwistjoni fis-subintestatura 8543 89 97 tan-Nomenklatura Magħquda. Permezz ta' posta elettronika tat-23 ta' Ġunju 2006, l-IRC informaw lir-rikorrenti bil-

pubblikazzjoni tar-regolament ikkontestat, u indikaw li dan kien ir-regolament rilevanti li għalih kienu rreferew fl-imsemmija ittra tad-9 ta' Marzu 2006.

17 L-anness tar-Regolament ikkontestat jikklassifika l-prodott inkwistjoni f'dawn it-termini:

Deskrizzjoni tal-merkanzija	Klassifikazzjoni (kodiċi NM)	Motivi
(1)	(2)	(3)
Apparat tas-sigurtà li jippermetti l-aċċess għal fajls maħżunin fuq magna awtomatika għall-ipproċessar tad-data. Huwa jikkonsisti f'monitor kompost minn kristalli likwidi, ċirkwit stampat u batterija li jinsabu f'qafas tal-plastik. Dan jista' jiddendel ma' ħolqa taċ-ċwievet. L-apparat jiġġenera sekwenza ta' sitt ċifri li tikkorrispondi għal utent wieħed, u li tippermettilu li jkollu aċċess għal fajls maħżunin fuq magna awtomatika għall-ipproċessar tad-data. L-apparat ma jistax ikun konness ma' magna awtomatika għall-ipproċessar tad-data u jaħdem b'mod awtonomu.	8543 89 97	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM bin-numri 8543, 8543 89 et 8543 89 97. L-apparat ma jaqax taħt l-intestatura 8470 peress li ma jippermettix li data tiddaħħal manwalment u ma jistax jintuża għall-kalkoli fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (ara n-noti spjegattivi tas-SA dwar din l-intestatura). Huwa ma jaqax taħt l-intestatura 8471, peress li ma jistax jiġi pprogrammat liberament skont il-bżonnijiet tal-utent [ara n-nota 5.A a) 2) tal-Kapitlu 84]. Lanqas ma jista' jiġi kkunsidrat bħala unità minn magna awtomatika għall-ipproċessar tad-data peress li ma jistax jiġi konness mal-unità ċentrali ta' pproċessar [ara n-nota 5.B b) tal-Kapitlu 84]. L-apparat jaqa' taħt l-intestatura 8543, peress li huwa apparat elettroniku b'funzjonijiet individwali, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra.

18 B'mod konformi mal-Artikolu 3 tiegħu, ir-Regolament daħal fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* jiġifieri fis-7 ta' Lulju 2006.

19 Permezz ta' ittra tal-11 ta' Awwissu 2006, b'risposta għat-talba għal informazzjoni magħmula mir-rikorrenti fit-8 ta' Awwissu 2006, l-IRC ikkonfermaw li r-Regolament ikkontestat kien jikklassifika l-"RSA SecurID authenticator fl-intestatura 8543 89 97", u indikaw ukoll li hu kien ser jannulla, mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, id-deċiżjoni tal-AC tal-10 ta' Ottubru 2005 u li kien japplika għall-prodott inkwistjoni kemm fil-forma "key fob", kif ukoll fil-forma "karta ta' kreditu".

Proċedura u t-talbiet tal-partijiet

20 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-25 ta' Awwissu 2006, ir-rikorrent ressaq dan ir-rikors.

21 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-22 ta' Novembru 2006, il-Kummissjoni qajjmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, skont l-Artikolu 114(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Fit-8 ta' Jannar 2007, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha fuq din l-eċċezzjoni.

22 Fl-eċċezzjoni tagħha tal-inammissibbiltà, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

23 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà;

— sussidjarjament, tissospendi d-deċiżjoni tagħha fuq l-imsemmija eċċezzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni fuq il-mertu;

— tannulla r-regolament ikkontestat peress li ma jikklassifikax il-prodott tar-rikorrenti fin-Nomenklatura Magħquda, b'riferiment għall-karatteristiċi u l-kwalitajiet oġġettivi tiegħu;

— sussidjarjament, tannulla r-regolament ikkontestat, peress li ġie ppromulgat abbażi ta' abbuż ta' poter u/jew ksur ta' rekwiżiti proċedurali essenzjali min-naħa tal-Kummissjoni;

— tiddeċiedi li l-prodott, li huwa magna awtomatika għall-ipproċessar tad-data, għandu jkun ikklassifikat fl-intestatura 8471 tan-Nomenklatura Magħquda;

— sussidjarjament, tiddeċiedi li l-karatteristika essenzjali tal-prodott hija l-abbiltà speċifika tiegħu li jiġġenera u joħloq kalkoli matematiċi kif speċifikati mill-utent meta jixtrih, u li għalhekk għandu jkun ikklassifikat bħala kalkolatriċi fl-intestatura 8470 tan-Nomenklatura Magħquda;

— tiddikjara li l-karatteristika essenzjali tal-prodott mhijiex dik ta' apparat ta' sigurtà jew li jagħti aċċess għal data li tkun maħżuna fuq magna awtomatika għall-ipproċessar tad-data jew mod ieħor;

— tordna l-ħlas lura tad-dazju doganali li r-rikorrenti ħallset sabiex timporta l-prodott fi ħdan il-Komunità minn mindu daħal fis-seħħ ir-regolament ikkontestat, kif ukoll il-ħlas tal-interessi relatati;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

24 Bħala miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, fl-4 ta' Marzu 2008, il-Qorti tal-Prim'Istanza bagħtet ittra lill-Kummissjoni sabiex tagħmlilha domanda bil-miktub, filwaqt li talbitha wkoll tipproduċi ċerti dokumenti. Il-Kummissjoni ssodisfat dawn it-talbiet fit-termini stabbiliti.

Id-dritt

25 Skont l-Artikolu 114 tar-Regoli tal-Proċedura, jekk parti tagħmel talba f'dan is-sens, il-Qorti tal-Prim'Istanza tista' tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża. Skont l-Artikolu 114(3), il-proċeduri dwar it-talba għandhom jitkomplew oralment sakemm il-Qorti tal-Prim'Istanza ma tiddeċidix mod ieħor. Fil-

każ preżenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis li għandha biżżejjed informazzjoni mill-eżami tal-atti tal-proċess sabiex tiddeċiedi dwar it-talba u li ma hemmx lok għall-proċedura orali.

Argumenti tal-partijiet

26 Il-Kummissjoni ssostni li r-rikorrenti mhijiex individwalment ikkonċernata mir-regolament ikkontestat.

27 Hija tfakkar, qabel kollox, li skont il-ġurisprudenza, rikors imressaq minn individwu mhuwiex ammissibbli meta jsir kontra regolament ta' applikazzjoni ġenerali fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 249 KE. Hija ssostni b'mod partikolari li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-operaturi mhumiex individwalment ikkonċernati mir-regolamenti ta' klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda u li r-rikorsi tagħhom kontra dawn ir-regolamenti ġew miċħuda bħala inammissibbli.

28 Barra minn hekk, il-kawża li wasslet għas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Settembru 2003, Sony Computer Entertainment Europe vs Il-Kummissjoni (T-243/01, Ġabra. p. II-4189, iktar 'il quddiem is-"sentenza Sony"), hija l-unika waħda fejn operatur ġie kkunsidrat bħala individwalment ikkonċernat permezz ta' regolament li jistabbilixxi klassifikazzjoni tariffarja u dan minħabba l-eżistenza ta' erba' fatturi. Iċ-"ċirkustanzi eċċezzjonali" ta' din il-kawża, f'dan il-każ ma ġewx stabbiliti biżżejjed sabiex wieħed ikun jista' jasal għall-istess konklużjoni.

29 Fir-rigward tal-ewwel fattur, jiġifieri l-fatt li r-regolament inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Sony, punt 28 iktar ’il fuq, oriġina minn talba għal ITT imressqa mill-kumpannija Sony u li ebda prodott ieħor simili, minbarra l-apparat tal-vidjo games tagħha, ma kien is-suġġett ta’ dimostrazzjoni jew ta’ diskussjoni matul il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tal-imsemmi regolament (sentenza Sony, punt 28 iktar ’il fuq, punti 64 sa 66), il-Kummissjoni ssostni li dan jista’ jitqies ta’ importanza minima jew ta’ bla importanza f’dan il-każ, peress li l-proċedura li twassal għall-adozzjoni ta’ regolament li jistabbilixxi klassifikazzjoni tariffarja tinbeda dejjem minħabba diffikultajiet marbuta mal-klassifikazzjoni ta’ xi prodott. Barra dan, kif ir-rikorrenti rrikonoxxiet fir-rikors tagħha, il-prodott inkwistjoni ma kienx ġie eżaminat speċifikament mill-Kumitat tan-Nomenklatura u l-ebda ritratt ta’ dan il-prodott ma kien ġie ppreżentat. Barra minn hekk, ir-rikorrenti rrikonoxxiet ukoll li l-imsemmi kumitat kien ikkunsidra s-sitwazzjoni ta’ prodott simili, id-“Digipass”, li kien preċedentement ikklassifikat fl-istess intestatura.

30 Fir-rigward tat-tieni fattur, jiġifieri l-fatt li Sony kienet l-unika operatriċi li l-pożizzjoni legali tagħha kienet affettwata mir-regolament li stabbilixxa klassifikazzjoni inkwistjoni, u li l-eżitu tal-kawża quddiem il-qrati nazzjonali kien affetwat minnu (sentenza Sony, punt 28 iktar ’il fuq, punti 68 u 69), il-Kummissjoni tosserva li r-rikorrenti naqset milli tistabbilixxi l-eżistenza ta’ kawża mressqa quddiem il-qrati nazzjonali fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-prodott inkwistjoni, li l-eżitu tagħha jiddependi mir-regolament ikkontestat. Barra minn hekk, ir-rikorrenti mhijiex l-unika impriża affettwata mir-regolament ikkontestat, hekk kif irrikonoxxiet espressament hi stess fir-rikors tagħha, peress li mill-anqas erba’ impriżi differenti jistgħu jipproduċu jew jikkummerċjalizzaw prodotti b’karatteristiċi simili jew simili ħafna għal dawk tal-prodott tar-rikorrenti, u kollha jistgħu jiġu affetwati mill-imsemmi regolament. F’dan ir-rigward, għalkemm l-iskambju ta’ korrispondenza mal-Awtoritajiet Irlandiżi, annessa mar-rikors, juri bla ebda dubju li r-regolament ikkontestat japplika għall-prodott tar-rikorrenti, madankollu, dan ma jurix li l-prodott tagħha huwa l-uniku wieħed affettwat mill-imsemmi regolament.

31 Fir-rigward tat-tielet fattur, jiġifieri l-fatt li fil-kawża li wasslet għas-sentenza Sony, punt 28 iktar ’il fuq, ir-regolament inkwistjoni kien jikkonċerna b’mod speċifiku, il-prodott tar-rikorrenti, peress li kien hemm anness ritratt tal-prodott bil-logo ta’ Sony u peress li fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament ma kien hemm ebda prodotti oħra b’karatteristiċi identiċi (sentenza Sony, punt 28 iktar ’il fuq, punti 71 sa 74), il-Kummissjoni ssostni li dan il-fattur ma jeżistix f’dan il-każ. Ir-regolament ikkontestat, fil-fatt, la jinkludi xi ritratt tal-prodott inkwistjoni u lanqas xi referenza

għal logo, privattiva, trade mark, jew xi dritt ta' proprjetà ieħor tar-rikorrenti. Barra minn hekk, ir-rikorrenti la allegat li tippossjedi privattivi li jiddeskrivu l-prodott inkwistjoni, li siltiet minnhom ġew ippreżentati fil-proċess, u lanqas li r-regolament ikkontestat għandu xi impatt fuq id-drittijiet mogħtija minnhom. Il-Kummissjoni ssostni, fl-aħħar nett, li d-deskrizzjoni tal-prodott li tinsab fil-kolonna 1 fl-anness tar-regolament ikkontestat hija ġenerika, ibbażata fuq il-karatteristiċi u l-kwalitajiet tekniċi tal-merkanzija inkwistjoni, kif ukoll fuq il-motivi li jinsabu fil-kolonna 3 tal-Anness, u li ma jistax jiġi dedott minn din id-deskrizzjoni li din tapplika biss għall-prodott tar-rikorrenti, li fuq kollox, la allegat u lanqas ippruvat il-kuntrarju.

32 Fir-rigward tar-raba' fattur, il-Kummissjoni ssostni li, għall-kuntrarju ta' Sony, li kienet l-unika importatriċi awtorizzata tal-prodott ikklassifikat fir-regolament inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Sony, punt 28 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma allegatx li hija l-unika importatriċi awtorizzata tal-prodott inkwistjoni.

33 Il-Kummissjoni ssostni, finalment, li l-ebda waħda miċ-ċirkustanzi eċċezzjonali tal-kawża li wasslet għas-senteza Sony, punt 28 iktar 'il fuq, ma tapplika f'dan il-każ. Konsegwentement, ir-regolament ikkontestat għandu jiġi definit bħala miżura ta' applikazzjoni ġenerali fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 249 KE. Għaldaqstant, ir-rikorrenti mhijiex individwalment ikkonċernata minn dan ir-regolament. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li skont il-ġurisprudenza, regolament li jistabbilixxi klassifikazzjoni tariffarja japplika b'analoġija, meta l-eżami ta' prodott mill-Kumitat tan-Nomenklatura ma jikkonċernax biss il-prodott inkwistjoni iżda wkoll il-prodotti identiċi jew simili.

34 Fl-aħħar nett il-Kummissjoni tosserva li deċiżjoni li tiddikjara l-inammissibbiltà tar-rikors ma tipprivax lir-rikorrenti minn protezzjoni ġudizzjarja, peress li hi tista' teċċepixxi l-illegalità tar-regolament ikkontestat insostenn ta' kawża quddiem il-qorti nazzjonali kontra att nazzjonali ta' implementazzjoni.

35 Ir-rikorrenti tikkontesta l-argumenti tal-Kummissjoni u tqis lilha nfisha individwalment ikkonċernata mir-regolament ikkontestat minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tiddistingwiha mill-operaturi l-oħra kollha.

36 Hija ssostni li, b'mod konformi mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni (25/62, Ġabra p. 197, iktar 'il quddiem is-"sentenza Plaumann"), hemm diversi fatturi speċifiċi li jistgħu jirrendu s-sitwazzjoni tagħha partikolari.

37 Fl-ewwel lok, l-AC laqa' r-rikors tagħha kontra l-klassifikazzjoni tariffarja tal-prodott inkwistjoni permezz tal-ITT tat-8 ta' April 2004, ħaġa li wasslet għar-revoka tagħha.

38 Fit-tieni lok, id-deċiżjoni tal-AC saret definittiva fid-dritt Irlandiż, peress li l-IRC għażlu, wara li kkonsultaw lill-Kummissjoni, li ma jappellawx mid-deċiżjoni.

39 Fit-tielet lok, il-proċedura amministrattiva segwita mill-IRC u mill-Kummissjoni, wara d-deċiżjoni tal-AC, saret speċifikament b'riferiment għall-prodott inkwistjoni.

40 Fir-raba' lok, l-ittri tal-IRC indirizzati lir-rikorrenti (ara l-punti 16 u 19 iktar 'il fuq) juru bla dubju ta' xejn li r-regolament ikkontestat ġie mfassal bil-għan preċiż li jaqleb id-deċiżjoni tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-AC.

41 Fil-ħames u l-aħħar lok, ir-rikorrenti hija l-unika impriża li kisbet, permezz ta' proċeduri legali, l-annullament tal-ITT fir-rigward tal-prodott tagħha, permezz tad-dritt, u li b'hekk, ibbenifikat minn klassifikazzjoni tariffarja aħjar; klassifikazzjoni li ġiet invalidata mir-regolament inkwistjoni.

42 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li r-regolament ikkontestat, għalkemm jidher li huwa redatt f'termini ġenerali u astratti, ma jistax jiġi analizzat biss bħala miżura ta' applikazzjoni ġenerali li tapplika għal sitwazzjonijiet stabbiliti oġġettivament u li għandha effett legali fir-rigward ta' kategoriji ta' persuni kkunsidrati b'mod ġenerali u astratt. In-natura tal-involviment tal-Kummissjoni fl-għażla tal-IRC li jirrinunzjaw għall-appell kontra d-deċiżjoni tal-AC, il-mod kif ir-regolament ikkontestat ġie mfassal, kif ukoll l-adozzjoni tiegħu, jixhdu l-fatt li huwa miżura intiża deliberatament sabiex tannulla d-deċiżjoni tal-AC u, konsegwentement, l-ITT maħruġa mill-IRC wara din id-deċiżjoni. Finalment, ir-regolament ikkontestat huwa sempliċiment deċiżjoni moħbija.

43 Ir-rikorrenti tirreferi wkoll għall-kawża li wasslet għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 1994, Codorníu vs Il-Kunsill (C-309/89, Ġabra p. I-1853, iktar 'il quddiem is-"sentenza Codorníu"), fejn ir-rikorrenti ġiet meqjusa bħala individwalment ikkonċernata, peress li, minn naħa, hija kellha dritt legali li tuża trade mark grafika rreġistrata qabel l-adozzjoni tar-regolament inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, dan tal-aħħar kien jipprekludiha milli tibbenifika mid-drittijiet kollha fuq it-trade mark tagħha. F'dan il-każ, ir-rikorrenti sabet ruħha f'sitwazzjoni simili għal dik tal-kumpannija Codorníu, minħabba li hija stabbilixxiet dritt legali, permezz tad-deċiżjoni tal-AC, għal klassifikazzjoni tariffarja partikolari, dritt legali li r-regolament ikkontestat huwa intiż ibiddel.

44 Barra minn hekk, l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni tal-kunċett ta' persuna "individwalment ikkonċernata" hija tant żbaljata li, bil-moħbi, ixxebbah dan il-kunċett ma' dak ta' persuna "unikament ikkonċernata". Issa, kif turi l-kawża li wasslet għas-sentenza Codorníu, punt 43 iktar 'il fuq, il-fatt li produtturi Komunitarji oħra, li possibbilment huma proprjetarji ta' trade marks, intlaqtu bl-istess mod mir-regolament inkwistjoni, ma pprekludiex lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tikkonstata li Codorníu stabbilixxiet li hija kienet direttament u individwalment ikkonċernata minn dan ir-regolament. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja, ma ddeċidietx li r-regolament

ikkontestat kellu jolqot lil Codorníu b'mod speċifiku u esklużiv sabiex jiġi rikonoxxut favur tagħha d-dritt li tressaq rikors għal annullament.

45 Ir-rikorrenti tenfasizza li l-ġurisprudenza li l-Kummissjoni rreferiet għaliha mhijiex relevanti. Il-fatti tal-kawżi li wasslu għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 1982, Alusuisse vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (307/81, Ġabra p. 3463) u tal-14 ta' Frar 1985 Casteels vs Il-Kummissjoni (40/84, Ġabra p. 667) kif ukoll għad-digrieti tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' April 1999, Alce vs Il-Kummissjoni (T-120/98, Ġabra p. II-1395) u tat-30 ta' Jannar 2001, Iposea vs Il-Kummissjoni (T-49/00, Ġabra p. II-163), huma fil-fatt, radikalment differenti minn dawk ta' dan il-każ.

46 Ir-rikorrenti tikkunsidra wkoll li l-interpretazzjoni tas-sentenza Sony, punt 28 iktar 'il fuq, mogħtija mill-Kummissjoni hija żbaljata, sa fejn tipprova tissuġġetta l-ammissibiltà tar-rikors għall-annullament ta' regolament li jistabbilixxi klassifikazzjoni tariffarja għall-eżistenza ta' erba' fatturi meħuda flimkien. Għall-kuntrarju, din il-kawża għandha tinftiehem fis-sens li hija fil-fatt, l-eżistenza ta' dawn l-erba' fatturi li wasslet lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex, skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza Plaumann, punt 36 iktar 'il fuq, tikkonkludi li Sony kienet milquta individwalment.

47 Ir-rikorrenti tikkonstesta wkoll il-fondatezza tal-argumenti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-erba' fatturi identifikati minnha. Fir-rigward tal-ewwel fattur, hija ssostni li l-kuntest fattwali ta' din il-kawża ma jistax jiġi injorat meta ssir l-evalwazzjoni tal-aġir tal-Kummissjoni matul il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, peress li hija kellha l-intenzjoni li tirrifjutalha l-klassifikazzjoni tariffarja kif deċiża mill-AC. Dan l-aspett tal-kuntest fattwali, flimkien mal-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-IRC, juri b'mod partikolari li r-regolament ikkontestat huwa fir-realità deċiżjoni moħbija li tidentifika lir-rikorrenti bħala individwalment ikkonċernata.

48 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tiċħad l-allegazzjoni tal-Kummissjoni li l-fatt li, la l-prodott inkwistjoni, la r-ritratti tiegħu u lanqas il-privattiva tagħha, ma ġew speċifikament eżaminati mill-Kumitat tan-Nomenklatura juri li r-rikorrenti mhijiex individwalment ikkonċernata. Tali nuqqas ta' attenzjoni fir-rigward tal-prodott tagħha juri, bil-kontra, in-nuqqas ta' amministrazzjoni tajba fil-proċedura tal-adozzjoni tar-regolament ikkontestat. Hekk kif turi l-korrispondenza bejn ir-rikorrenti u l-IRC, il-membri tal-Kumitat tan-Nomenklatura, bħall-Kummissjoni nfisha, kienu konxji li l-għan prinċipali tax-xogħol tagħhom kien li jeżaminaw il-klassifikazzjoni tariffarja tal-prodott mill-AC, billi din il-kwistjoni tqajmet quddiemhom mill-IRC, wara d-deċiżjoni tal-AC. Finalment, is-sempliċi fatt li d-dritt tar-rikorrenti li tibbenifika minn klassifikazzjoni tariffarja wara d-deċiżjoni tal-AC kien ġie deliberatament eliminat mir-regolament ikkontestat, effettivament jiddistingwiha mill-operaturi l-oħra.

49 Fir-rigward tat-tieni fattur, ir-rikorrenti ssostni li l-allegazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas, f'dan il-każ, ta' kawża quddiem il-qrati nazzjonali li tikkonċerna l-klassifikazzjoni tal-prodott inkwistjoni, li l-eżitu tagħha jiddependi mir-regolament ikkontestat, hija irrelevanti għall-kwistjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors tagħha.

50 Barra minn hekk, hija tikkunsidra li l-allegazzjoni tal-Kummissjoni li, għall-kuntrarju ta' Sony, hija mhijiex l-unika operatriċi li l-pożizzjoni legali tagħha hija milquta mir-regolament ikkontestat, hija xhieda ta' interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza Sony, punt 28 iktar 'il fuq. Fil-fatt, eżattament bħal Sony, minn naħa, ir-rikorrenti rebħet appell kontra l-ITT maħruġa mill-awtoritajiet doganali nazzjonali, u min-naħa l-oħra, il-klassifikazzjoni tariffarja favorevoli, mogħtija mill-qorti nazzjonali, ġiet annullata u sostitwita bir-regolament ikkontestat. Għaldaqstant, ir-rikorrenti kienet l-unika impriża li l-pożizzjoni legali tagħha ntlaqtet mill-adozzjoni ta' dan ir-regolament.

51 Barra minn hekk, il-pożizzjoni legali tal-impriżi l-oħra li jistgħu jipproduċu jew jikkummerċjalizzaw prodotti li jistgħu jkunu milquta mir-regolament ikkontestat,

mhumiex milquta minnu. Fil-fatt, għall-kuntrarju tar-rikorrenti, dawn l-impriżi ma kisbu l-ebda dritt partikolari li jimpurtaw il-prodotti tagħhom fil-Komunità taħt l-intestatura tariffarja 8470. Il-pożizzjoni legali tagħhom b'hekk hija simili għal dik tal-operatur l-ieħor, imsemmi fil-punt 70 tas-sentenza Sony, punt 28 iktar 'il fuq, li nħarġitlu ITT dwar prodott simili għall-PlayStation®2 fl-intestatura tariffarja kkontestata minn Sony, minflok f'dik li ngħatatlu mill-VAT and Duties Tribunal (Tribunal tal-Vat u tad-Dazju, ir-Renju Unit).

52 Fir-rigward tat-tielet fattur, ir-rikorrenti ssostni li l-importanza mogħtija mill-Kummissjoni lill-fatt li r-regolament ikkontestat ma jinkludix ritratti tal-prodott u lanqas referenzi oħra diretti jew indiretti għal-logo, privattiva jew trade mark tiegħu, tammonta wkoll għal interpretazzjoni żbaljata tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza Sony, punt 28 iktar 'il fuq. Fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, ir-ritratti tal-prodott annessi mar-regolament inkwistjoni, fil-fatt, ma kienu xejn ħlief prova supplimentari u mhux deċiżiva tal-fatt li r-regolament inkwistjoni kellu jitqies bħala deċiżjoni li tistabbilixxi l-klassifikazzjoni tariffarja tal-prodott PlayStation®2. Mhuwiex possibbli li jiġi konkluż minn dan il-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li n-nuqqas ta' tali prova bil-miktub jew fotografika, fir-regolament u fl-annessi tiegħu, jipprekludi lill-importatur inkwistjoni milli jkun individwalment ikkonċernat minn dan ir-regolament. Tali konkluzjoni tmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li n-nuqqas f'regolament, ta' elementi li jidentifikaw l-operaturi li jistgħu jiġu milquta, mhuwiex deċiżiv sabiex jiġi affermat li huma ma jistgħux ikunu individwalment ikkonċernati, iżda dan l-aspett imsemmi l-aħħar jista' jiġi stabbilit skont is-sentenza Plaumann, punt 36 iktar 'il fuq, mill-eżistenza ta' fatti jew ċirkustanzi li jistgħu jindividwalizzawhom.

53 F'dak li jirrigwarda l-argument tal-Kummissjoni li jallega n-nuqqas ta' valur probatorju tas-siltiet tal-privattivi mdaħħla fil-proċess mir-rikorrenti, din tal-aħħar twieġeb li hija qatt ma allegat li r-regolament ikkontestat kien jippreġudika d-drittijiet tagħha li jitnisslu mill-privattivi inkwistjoni. F'dan ir-rigward, hija tenfasizza li, mhijiex l-eżistenza tal-privattivi iżda d-deċiżjoni tal-AC li tiddetermina r-rabta bejn iċ-ċirkustanzi fattwali ta' din il-kawża u dawk tal-kawża li wasslet għas-sentenza Codorníu, punt 43 iktar 'il fuq.

54 Ir-rikorrenti tikkontesta wkoll l-argument tal-Kummissjoni li r-raba' fattur fis-sentenza Sony, punt 28 iktar 'il fuq, ma japplikax f'dan il-każ peress li, għall-kuntrarju ta' Sony, hija mhijiex l-unika importatriċi awtorizzata tal-prodott inkwistjoni. Fil-fatt, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma ddeċidietx li operatur għandu jkun l-uniku importatur awtorizzat sabiex ikun individwalment ikkonċernat minn regolament li jistabbilixxi klassifikazzjoni tariffarja; ħaġa, li wara kollox, tmur kontra s-sentenza Plaumann, punt 36 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkontesta l-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni li, l-prattika tal-klassifikazzjoni tariffarja b'analoġija tirrendi inammissibli kull rikors kontra dan it-tip ta' azzjoni. Il-klassifikazzjoni b'analoġija fil-fatt ma taffettwax id-dritt ta' persuna fiżika jew legali li tistabbilixxi li hija individwalment ikkonċernata sabiex ir-rikors tagħha quddiem il-Qorti Komunitarja jiġi ddikjarat ammissibbli.

55 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, ir-rikorrenti tenfasizza li dan ir-rikors huwa l-uniku rimedju tagħha biex tikkontesta r-regolament inkwistjoni, peress li ma tistax tirrikorri iżjed għall-proċeduri ta' appell quddiem is-Superior Courts of Ireland, minħabba l-għażla tal-IRC li ma jeħdux din l-għażla. Barra minn hekk, id-dritt assolut u bla ebda eċċezzjoni mogħti lill-individwi mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE, li jressqu rikors għall-annullament ta' regolament quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, jiżdied mad-dritt li jeċċepixxu l-invalidità ta' att Komunitarju quddiem qorti nazzjonali, u l-eżistenza ta' rimedju ieħor ma jipprekludix, fih innifsu, l-ammissibbiltà ta' rikors għall-annullament imressaq skont dan l-Artikolu.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

56 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi ma jistgħux, bħala prinċipju, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE, jippreżentaw rikors għal annullament kontra regolamenti li jistabbilixxu klassifikazzjoni tariffarja. Minkejja l-apparenza konkreta tad-deskrizzjonijiet li fihom, dawn l-atti xorta mhumiex ta' applikazzjoni ġenerali peress li, minn naħa, huma jikkonċernaw il-prodotti kollha li jikkorrispondu għat-tip deskritt, ikunu x'ikunu inċidentalment il-karatteristiċi individwali u l-provenjenza tagħhom u, min-naħa l-oħra, huma jipproduċu l-effetti tagħhom, fl-interess ta' applikazzjoni uniformi tat-tariffa doganali komuni, għall-

awtoritajiet kollha doganali tal-Komunità u fir-rigward tal-importaturi kollha (ara s-sentenza Sony, punt 28 iktar 'il fuq, punt 58, u l-ġurisprudenza ċċitata; id-digrieti tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Marzu 2007, Tokai Europe vs Il-Kummissjoni, T-183/04, li mhuwiex ippubblikat fil-Ġabra, punt 48, u tad-19 ta' Frar 2008, Apple Computer International vs Il-Kummissjoni T-82/06, Ġabra p. II-279), punt 45).

57 F'dan il-każ, l-Artikolu 1 tar-regolament ikkontestat jipprovdi li l-merkanzija li għandha l-karatteristiċi deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-Anness, għandha tiġi kklassifikata, fin-Nomenklatura Magħquda, fil-kodiċi NM korrispondenti indikat fil-kolonna 2 tal-istess tabella, jiġifieri l-kodiċi NM 8543 89 97. Id-dispożizzjoni tapplika għal dawk il-prodotti kollha li huma simili jew li jikkorrispondu għat-tip deskritt, ikunu x'ikunu inċidentalment il-karatteristiċi individwali u l-provenjenza tagħhom (ara f'dan is-sens, is-sentenza Casteels vs Il-Kummissjoni, punt 45 iktar 'il fuq, punt 11, u d-digriet Apple Computer International vs Il-Kummissjoni, punt 56 iktar 'il fuq, punt 46).

58 Peress li din id-dispożizzjoni hija miżura ta' applikazzjoni ġenerali, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 249 KE, hija tapplika għal sitwazzjoni ddeterminata oġġettivament u tinvolvi effetti legali għal kategoriji ta' persuni meqjusa b'mod ġenerali u astratt, b'mod partikolari, l-importaturi tal-prodotti li tiddeskrivi (ara, f'dan is-sens, id-digriet Iposea vs Il-Kummissjoni, punt 45 iktar 'il fuq, punt 24, u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Madankollu, anki att ta' applikazzjoni ġenerali jista', f'ċerti ċirkustanzi, jikkonċerna individwalment ċerti operaturi ekonomiċi, li jistgħu għalhekk jikkontestawh abbażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE. Dan ikun il-każ meta l-att jaffettwahom minħabba ċerti kwalitajiet li jkunu partikolari għalihom jew minħabba ċirkustanza li tiddifferenzjahom minn kull persuna oħra u, b'hekk tindividwalizzhom bl-istess mod bħalma kien ikun individwalizzat id-destinatarju ta' deċiżjoni (sentenzi Plaumann, punt 36 iktar 'il fuq, p. 223 u Codorníu, punt 43 iktar 'il fuq, punti 19 u 20; digrieti Tokai Europe vs Il-Kummissjoni, punt 56 iktar 'il fuq, punt 49 u Apple Computer International vs Il-Kummissjoni, punt 56 iktar 'il fuq, punt 48). F'dan ir-rigward, is-sempliċi fatt li att ta' applikazzjoni ġenerali jista' jkollu effetti konkreti differenti għad-diversi persuni li għalihom huwa applikabbli, mhuwiex ta' natura li jiddistingwihom fir-rigward tal-operaturi l-oħra kollha kkonċernati, sakemm dan l-att jiġi applikat abbażi ta' sitwazzjoni ddeterminata oġġettivament (digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Diċembru 1997,

Sveriges Betodlares u Henrikson vs Il-Kummissjoni, C-409/96 P, Ġabra p. I-7531, punt 37; digrieti tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Settembru 2002, Di Lenardo vs Il-Kummissjoni, T-178/01, li mhuwiex ippubblikat fil-Ġabra, punt 52, u tat-12 ta' Jannar 2007, SPM vs Il-Kummissjoni, T-104/06, li mhuwiex ippubblikat fil-Ġabra, punt 70).

60 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-fatt li jkun possibbli li jiġi ddeterminat, bejn wieħed u ieħor preċiżament, in-numru jew anki l-identità ta' dawk li għalihom tapplika miżura, ma jfissirx li dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala individwalment ikkonċernati mill-miżura inkwistjoni, sakemm ir-regolament japplika abbażi ta' sitwazzjoni oġġettiva ta' dritt jew ta' fatt definita mill-att inkwistjoni (ara f'dan is-sens, is-sentenza Codorníu, punt 43 iktar 'il fuq, punt 18; id-digrieti Iposea vs Il-Kummissjoni, punt 45 iktar 'il fuq, punt 31, u Apple Computer International vs Il-Kummissjoni, punt 56 iktar 'il fuq, punt 52).

61 Barra minn hekk, mhuwiex biżżejjed li, ekonomikament, att jaffettwa lil ċerti operaturi iktar milli jaffettwa lill-operaturi l-oħra fl-istess settur, sabiex jiġu kkunsidrati bħala individwalment ikkonċernati minn dan l-att. (digrieti tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Settembru 2005, Lorte *et* vs Il-Kunsill, T-287/04, Ġabra. P. II-3125, punt 54, u tat-12 ta' Marzu 2007, Regione Autonoma Friuli-Venezia Giulia vs Il-Kummissjoni, T-417/04, Ġabra p. II-641, punt 58).

62 F'dan il-każ, ir-rikorrenti essenzjalment issostni li l-klassifikazzjoni inkwistjoni ġiet mibdija minħabba t-talba tagħha għall-ITT mingħand l-IRC, li wara l-appell tagħha quddiem l-AC, dan tal-aħħar adotta deċiżjoni definittiva fir-rigward tal-prodott inkwistjoni li kklassifikatu fil-kodiċi NM 8470 u li konsegwentement, ir-rikorrenti hija l-unika impriża li tibbenifika minn klassifikazzjoni tariffarja partikolari, li sussegwentement ġiet annullata mir-regolament ikkontestat. Fl-aħħar nett, il-proċedura amministrattiva segwita mill-IRC u dik li wasslet għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat segwita mill-Kummissjoni, wara d-deċiżjoni tal-AC, kienu saru speċifikament fir-rigward tal-prodott tagħha.

63 Il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis li l-argumenti mressqa mir-rikorrenti ma jippermettux li tiġi stabbilita kwalità li, b'deroga għall-prinċipji msemmija fil-punti 56 sa 58 iktar 'il fuq, hija partikolari għaliha, u lanqas sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzaha u, minħabba dan, tindividwalizzaha mill-operaturi ekonomiċi l-oħra, potenzjalment ikkonċernati mir-regolament ikkontestat.

64 Qabel kollox, f'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-ITT għandha l-għan li tagħti lill-operatur ekonomiku kull sigurtà meħtieġa meta jeżisti dubju dwar il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-nomenklatura dognali eżistenti, biex b'hekk jiġi protett minn emendi ulterjuri tal-pożizzjoni meħuda mill-awtoritajiet doganali fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-merkanzija. Bil-kontra, tali ITT ma għandhiex l-għan u lanqas ma jista' jkollha l-effett li tiggarantixxi lill-operatur li l-intestatura tariffarja li għaliha tirreferi ma tiġix sussegwentement emendata minn att adottat mil-leġiżlatur Komunitarju, peress li validità limitata ta' ITT hija stabbilita mill-Artikolu 12 tal-Kodiċi Doganali nnifsu (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Jannar 1998, Lopex Export, C-315/96, Ġabra p. I-317, punt 28).

65 Issa, il-fatt li qorti ta' Stat Membru tiddeċiedi li tannulla ITT u li tikklassifika mill-ġdid prodott speċifiku f'intestatura speċifika tan-Nomenklatura Magħquda mhuwiex, fih innifsu, tali li jindividwalizza s-sitwazzjoni legali tal-operatur li jista' jeżerċitaha. Fil-fatt, għalkemm tali deċiżjoni torbot lill-awtoritajiet doganali tal-istess Stat, dan ma jfissirx, kif allegat ir-rikorrenti, li tali deċiżjoni tammonta għal dritt li l-merkanzija tiġi importata taħt kodiċi NM partikolari, li huwa, fih innifsu, biżżejjed sabiex jindividwalizzaha. Għaldaqstant, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma tistax tibbaża l-individwalizzazzjoni tagħha fuq il-fatt li hija hi l-unika impriża li kisbet l-annullament tal-ITT permezz ta' rimedju legali u li minħabba f'hekk, hija ngħatat id-dritt li timporta l-prodott inkwistjoni taħt l-intestatura 8470 tan-Nomenklatura Magħluqa.

66 Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti ma jistgħux jiġu kkontestati mill-argumenti tar-rikorrenti dwar il-proċedura tal-adozzjoni tar-regolament ikkontestat.

67 Għalkemm il-proċedura tal-adozzjoni tar-regolament ikkontestat inbdiet minħabba t-talba li l-awtoritajiet Irlandiżi ressqu wara d-deċiżjoni tal-AC, tali ċirkustanza ma tistax fiha nfisha, tindividwalizza lir-rikorrenti fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE. L-applikazzjoni tar-regolament li jistabbilixxi klassifikazzjoni tariffarja fil-fatt testendi, bħala regola, għall-prodotti kollha simili jew tat-tip deskritt, ikunu x'ikunu inċidentalment il-karatteristiċi individwali u l-provenjenza tagħhom.

68 Barra minn hekk, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li ċ-ċirkustanzi fattwali ta' wara d-deċiżjoni tal-AC juru essenzjalment li l-imsemmija proċedura saret speċifikament minħabba l-prodott inkwistjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza tosserva li mill-proċess jirriżulta li f'Awwissu tal-2003, il-Kummissjoni kienet diġà informat lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li kienet irċeviet talba mill-awtorità doganali Pollakka dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' prodott bl-isem "digipass", b'karatteristiċi simili għal dawk tal-prodott inkwistjoni. Din il-kwistjoni ġiet eżaminata inizjalment, fit-322 laqgħa tal-Kumitat tan-Nomenklatura li seħħet f'Ottubru tal-2003 u li kienet ġiet preċeduta minn skambju ta' korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-IRC dwar l-ewwel ITT maħruġa minn dawn tal-aħħar, jiġifieri dik tat-8 ta' Frar 2001 li tat intestatura tariffarja differenti minn dik indikata mill-ITT maħruġa mill-awtoritajiet doganali Ġermaniżi li kklassifikat prodott simili għal dak tar-rikorrenti fis-subintestatura 8543 89 95. Kien biss wara li l-Kumitat tan-Nomenklatura ta l-opinjoni tiegħu, li fiha ġie konkluż li d-"digipass" huwa apparat tas-sigurtà li jaqa' taħt is-subintestatura residwa 8543 89, li l-IRC permezz tal-ittra tal-1 ta' Diċembru 2003 iddikjaraw li rrevokaw l-ITT tat-8 ta' Frar 2001 u li xtaqu joħorġu ITT ġdida, ħaġa li fil-fatt għamlu fit-8 ta' April 2004, meta kklassifikaw il-prodott tar-rikorrenti fl-intestatura 8543 89 95 99, klassifikazzjoni li wara ġiet ikkontestata mid-deċiżjoni tal-AC tal-10 ta' Ottubru 2005.

69 Sadanittant, il-kwistjoni tal-klassifikazzjoni tal-prodotti ġiet eżaminata mill-ġdid mill-Kumitat tan-Nomenklatura fit-350 laqgħa tiegħu, li seħħet fl-20 ta' Settembru 2004 u li matulha ġie konkluż li "l-apparati li jitolbu password sabiex jidentifikaw l-utent, li jikkalkolaw u jiġġeneraw password speċifika, huma apparati b'funzjoni individwali li jaqgħu taħt in-Nru 8543 89 ". Dawn iċ-ċirkustanzi kollha kienu, wara kollox, indikati b'mod ċar fin-nota tal-IRC li bdiet il-proċedura li, wara diversi diskussjonijiet fi ħdan

il-Kumitat tan-Nomenklatura li seħħew rispettivament matul it-386, 389 u 391 laqgħa, wasslet għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat (ara l-punt 15 iktar 'il fuq).

70 Għall-kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti, mhuwiex għalhekk possibbli li l-Qorti tal-Prim'Istanza tillimita ruħha sabiex tikkonstata li l-proċedura ta' wara d-deċiżjoni tal-AC ġiet mibdija minħabba t-talba tal-IRC, billi hija tagħmel parti minn kuntest iktar ġenerali u ikbar miċ-ċirkustanzi fattwali ta' dan il-każ, peress li, hekk kif intqal iktar 'il fuq, Stat Membru ieħor kien diġà talab informazzjoni dwar prodott simili, u l-Kummissjoni kienet diġà rreferiet għall-eżistenza ta' diskrepanza bejn l-ITT maħruġa mill-awtoritajiet doganali Ġermaniżi u dawk Irlandiżi, kif ukoll differenza fl-opinjoni dwar il-klassifikazzjoni ta' tali prodotti bejn diversi awtoritajiet tal-Istati Membri.

71 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-ittri li hija rċeviet mill-IRC kienu juru li r-regolament ikkontestat kellu l-għan preċiż li jannulla d-deċiżjoni tal-AC, għandu jiġi rilevat li dan l-argument, mhux biss ma kienx issostanzjat biżżejjed, iżda huwa wkoll irrelevanti peress li l-imsemmija ittri ntbagħtu mill-awtoritajiet doganali Irlandiżi u mhux mill-Kummissjoni u li, minħabba f'hekk, l-affermazzjonijiet misjuba fihom ma għandhomx jorbtu lil din tal-aħħar. Barra minn hekk, dawn l-ittri ma jagħmlu xejn ħlief jikkonfermaw li r-regolament ikkontestat japplika għall-prodott tar-rikorrenti u ma juru bla ebda mod li l-għan ta' dan ir-regolament kien li jannulla d-deċiżjoni tal-AC. Jirriżulta b'mod partikolari, mill-ittra tal-IRC tal-11 ta' Awwissu 2006 li, l-invalidità tad-deċiżjoni tal-AC hija l-konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tar-regolament ikkontestat u mhux l-għan tal-adozzjoni tiegħu.

72 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-IRC għażlu, wara li kkonsultaw lill-Kummissjoni, li ma jappellawx mid-deċiżjoni tal-AC, mhemm xejn fil-proċess li juri li tali deċiżjoni ttieħdet wara kwalunkwe suġġeriment jew pressjoni min-naħa tal-Kummissjoni. Bil-kontra, fin-nota mibgħuta lill-Kumitat tan-Nomen-

klatura (ara l-punt 15 iktar 'il fuq) li bdiet il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, l-IRC ippreċizaw li:

"L-awtorita Fiskali ddeċidiet li ma tesponix il-fatti quddiem il-Qorti Għolja, fuq punt ta' liġi peress li d-deċiżjoni tal-[AC] kienet tirrigwarda l-fatti. Il-kwistjoni tinsab bħalissa quddiem il-Kumitat [tan-Nomenklatura] għall-informazzjoni."

73 Fir-raba' lok, f'dak li jirrigwarda l-argument tar-rikorrenti li d-deċiżjoni tal-AC tikkostitwixxi sitwazzjoni ta' fatt li għandha l-effett li tindividwalizzaha b'mod simili għal dak kif kienet individwalizzata Codorníu fil-kawża li wasslet għas-sentenza Codorníu, punt 43 iktar 'il fuq, huwa biżżejjed li jiġi enfasizzat li, għall-kuntrarju tad-dritt tat-trade mark li minnu kienet tibbenifika b'mod esklużiv ir-rikorrenti fl-imsemmija kawża, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat f'dan ir-rigward li hija kienet irreġistrat din it-trade mark ġeografika fi Spanja fl-1924 u li hija kienet użat din it-trade mark tradizzjonalment, kemm qabel kif ukoll wara din ir-reġistrazzjoni, id-dritt tar-rikorrenti li timporta l-prodott tagħha taħt kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda jirriżulta biss mid-deċiżjoni tal-AC. Peress li ż-żewġ sitwazzjonijiet ma jistgħu bla ebda mod jiġu mqabbla, id-deċiżjoni tal-AC ma tistax tiġi kkunsidrata bħala ċirkustanza li tindividwalizza lir-rikorrenti b'mod simili għal dak kif kienet individwalizzata Codorníu li, permezz tad-dritt esklużiv li jirriżulta mir-reġistrazzjoni tat-trade mark tiegħu, wara l-adozzjoni tar-regolament inkwistjoni, sab ruħu f'sitwazzjoni kompletament differenti minn dik tal-operaturi ekonomiċi l-oħra.

74 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-fatt li d-dazju doganali li jikkorrispondi għas-subintestatura stabbilita mir-regolament ikkontestat huwa ogħla minn dak li r-rikorrenti setgħet tibbenifika minnu skont id-deċiżjoni tal-AC, għandu jiġi mfakkar li mhuwiex biżżejjed li, ekonomikament, att jaffettwa lil ċerti operaturi iktar milli jaffettwa lill-operaturi l-oħra fl-istess settur, sabiex jiġu kkunsidrati bħala individwalment ikkonċernati minn dan l-att (digrieti Lorte *et* vs Il-Kunsill, punt 61 iktar 'il fuq, punt 54, u Regione Autonoma Friuli-Venezia Giulia vs Il-Kummissjoni, punt 61 iktar 'il fuq, punt 58).

75 Fis-sitt lok, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad ukoll l-argument tar-rikorrenti, li barra minn hekk ma ġiex stabbilit f'dan il-każ, fejn hi tallega nuqqas ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li tirriżulta mill-fatt li ma għandha l-ebda mod ieħor kif tikkontesta l-validità tar-regolament ikkontestat, peress li ma tistax tirrikorri iżjed għall-proċeduri tal-appelli quddiem is-Superior Courts of Ireland minħabba li d-deċiżjoni tal-AC saret definittiva fid-dritt Irlandiż.

76 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax taċċetta interpretazzjoni tas-sistema ta' rimedji Komunitarji fis-sens li rikors għall-annullament imressaq quddiem il-Qorti Komunitarja jkun possibbli meta jkun jista' jintwera, wara eżami konkret minn din tal-aħħar tar-regoli nazzjonali tal-proċedura, li dawn ir-regoli ma jawtorizzawx persuni fiżiċi jew ġuridiċi biex iressqu rikors sabiex jikkontestaw il-validità ta' att Komunitarju allegatament illegali. Tali sistema kieku titlob li f'kull każ konkret, il-Qorti Komunitarja teżamina u tinterpreta d-dritt proċedurali nazzjonali, iżda dan joħroġ barra mill-kompetenzi tagħha fir-rigward tal-istħarriġ tal-legalità tal-atti Komunitarji (ara d-digriet Tokai Europe vs Il-Kummissjoni, punt 56 iktar 'il fuq, punt 63, u l-ġurisprudenza ċċitata).

77 Fis-seba' lok, fir-rigward tas-sentenza Sony, punt 28 iktar 'il fuq, anki din invokata mir-rikorrenti, għandu jiġi rilevat li, hekk kif ġie ppreċiżat fil-punt 77 ta' dik is-sentenza, huwa biss fiċ-"ċirkustanzi eċċezzjonali ta' dan il-każ" li r-rikorrenti ġiet ikkunsidrata bħala individwalment ikkonċernata. Għaldaqstant, għandu jiġi mfakkar x'kienu dawn iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali sabiex jiġi stabbilit jekk jeżistux f'dan il-każ, hekk kif sostnut mir-rikorrenti.

78 L-ewwel nett, fil-kawża li wasslet għas-senteza Sony, punt 28 iktar 'il fuq, kif Sony ġiet informata bl-eżistenza ta' diskussjonijiet fi ħdan il-Kumitat tan-Nomenklatura dwar il-klassifikazzjoni tariffarja tal-prodott tagħha, jiġifieri l-apparat tal-vidjo games tagħha msejjaħ PlayStation®2, hija kkuntattjat il-President tal-imsemmi Kumitat u, fuq stedina tiegħu, tat preżentazzjoni tal-prodott matul laqgħa tal-Kumitat, filwaqt li rrispondiet diversi domandi li sarulha mill-membri tiegħu. Sussegwentement, saru diversi kuntatti

oħra bejn Sony u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex tiġi ppreparata d-deċiżjoni relativa għall-klassifikazzjoni tal-prodott tagħha.

79 It-tieni nett, wara deċiżjoni ġudizzjarja, l-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit ħarġu ITT lil Sony li klassifikat il-prodott tagħha f'subintestatura li wara ġiet annullata u sostitwita mir-regolament inkwistjoni.

80 It-tielet nett, ir-regolament ikkontestat minn Sony iddeskriva b'mod dettaljat il-karatteristiċi kollha tal-prodott tagħha u ġie anness ukoll miegħu ritratt ta' dan il-prodott. Barra minn hekk, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, ma kinux jeżistu prodotti oħra b'karatteristiċi identiċi.

81 Ir-raba' nett, Sony kienet l-unika importatriċi awtorizzata fil-Komunità tal-imsemmi apparat tal-vidjo games.

82 Għalhekk, l-unika similarità bejn dik il-kawża u din hija l-fatt li, fiż-żewġ każijiet, ingħatat deċiżjoni minn qorti nazzjonali li annullat ITT maħruġa preċedentement mill-awtoritajiet doganali u li klassifikat il-prodott taħt kodiċi NM ieħor, deċiżjoni li sussegwentement inqalbet permezz tal-adozzjoni tar-regolament inkwistjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. Għandu jiġi nnotat li d-differenzi bejn iż-żewġ kawżi huma fil-fatt, kunsiderevoli.

83 Dan japplika, qabel kollox, għal dak li jirrigwarda l-proċedura quddiem il-Kumitat tan-Nomenklatura, li bħalma diġà ntqal iktar 'il fuq, Sony pparteċipat fiha b'mod attiv, għall-

kuntrarju tar-rikorrenti (ara f'dan is-sens, id-digriet Apple Computer International vs Il-Kummissjoni, punt 56 iktar 'il fuq, punti 50 u 51).

84 Dan japplika wkoll għal dak li jirrigwarda d-deskrizzjoni tal-prodott li tinsab fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-regolament ikkontestat, peress li għall-kuntrarju ta' Sony, ir-rikorrenti baqgħet ma ressqitx provi li din id-deskrizzjoni fiha kwalunkwe element li jorbotha speċifikament u unikament mal-prodott tagħha. F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Sony, punt 28 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma ddeskrivietx biss il-mod kif huwa ppreżentat għall-bejgħ bl-imnut l-apparat tal-vidjo games, iżda wkoll l-elementi differenti li jikkomponuh u li magħhom seta' jiġi mqabbad, kif ukoll il-funzjonijiet prinċipali tiegħu. Għalhekk, Sony kien irnexxiela tistabbilixxi li tali deskrizzjoni kienet tikkorrispondi b'mod eżatt għall-karatteristiċi tekniċi tal-prodott tagħha, li kienet informat lill-Kummissjoni bihom, u li din kienet tant preċiża li ma setax ikun li, għall-anqas fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament inkwistjoni, din setgħet tapplika għal apparati oħra ħlief dak tal-vidjo games tagħha (is-sentenza Sony, punt 28 iktar 'il fuq, punt 72).

85 Barra minn hekk, għall-kuntrarju tas-sitwazzjoni ta' Sony li kienet l-unika importatriċi tal-prodott inkwistjoni awtorizzata fil-Komunità, f'dan il-każ, ir-rikorrenti mhux biss ma ppruvatx turi l-kuntrarju, iżda lanqas ma kkontestat l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li jeżistu mill-anqas erba' impriżi differenti li jistgħu jipproduċu jew jikkummerċjalizzaw prodotti b'karatteristiċi li jistgħu jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li tinsab fil-kolonna 1 tal-anness tar-regolament ikkontestat. L-imsemmija deskrizzjoni għandha, għalhekk, tiġi kkunsidrata bħala pjuttost ġenerika, peress li tista' tinkludi fil-kamp tal-applikazzjoni tagħha, prodotti oħra minbarra dak tar-rikorrenti.

86 Fl-aħħar nett, għandu jiġi kkunsidrat li, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Sony, punt 28 iktar 'il fuq, l-eżistenza ta' ritratt tal-prodott li fuqu kien jidher il-logo PS2 b'mod ċar, anke jekk il-logo Sony kien ikkanċellat, kienet ta' importanza kunsiderevoli fl-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors. Għalkemm ir-ritratt tal-prodott misjub fit-tabella annessa mar-regolament inkwistjoni fl-imsemmija kawża, fil-prinċipju ma kienx ħlief prova supplimentari u mhux prova deċiżiva, jibqa' l-fatt li huwa fattur li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi analizzata n-natura tad-dispożizzjonijiet

tar-regolament ikkontestat. Issa, għandu jiġi kkonstatat li f'dan il-każ, ir-regolament ikkontestat ma jinkludi l-ebda ritratt, la tal-prodott tar-rikorrenti u lanqas ta' prodott ieħor.

87 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma stabbilietx l-eżistenza ta' "ċirkustanzi eċċezzjonali", bħal dawk identifikati fis-sentenza Sony, punt 28 iktar 'il fuq, li jwasslu għall-konklużjoni li hija kienet individwalment ikkonċernata mir-regolament ikkontestat b'mod simili għad-destinatarju ta' deċiżjoni.

88 Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti mhijiex ikkonċernata mir-regolament ikkontestat ħlief fil-kwalità oġġettiva tagħha ta' importatriċi ta' apparat tas-sigurtà li jippermetti l-aċċess għal fajls maħżuna f'magna awtomatika għall-ipproċessar tad-data bħal dak imsemmi fit-tabella annessa ma' dan ir-regolament, bl-istess mod bħal kull operatur, eżistenti jew potenzjali, li jinsab f'sitwazzjoni identika.

89 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, jirriżulta li r-rikorrenti mhijiex individwalment ikkonċernata mir-regolament ikkontestat u li għaldaqstant, ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

90 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, skont it-talbiet tal-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (It-Tielet Awla)

tordna

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) RSA Security Ireland Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

Mogħti fil-Lussemburgu, fit-3 ta' Diċembru 2008.

E. Coulon — J. Azizi

Reġistratur — President